**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 11-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri – Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-2 ta' Mejju 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Estimi Finanzjarji 2015.
3. Attivitajiet Sajf 2015.
4. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 09-2015 u KAX 10-2015.

1.06 Iċ-*Chairperson* feraħ lis-Sinjura Carmen Said li ġiet eletta bħala Sindku tal-Munxar u feraħ ukoll lill-membri l-oħra tal-Kunsill. Is-Sindku rringrazzjat liċ-*Chairperson* u lill-membri tal-Kumitat u wiegħdet li lesta tisma' u tifhem lil kulħadd u li ser tkun Sindku ta' kulħadd u għal kulħadd.

**2.00 Estimi Finanzjarji 2015.**

2.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-Estimi Finanzjarji 2015. F'dawn l-aħħar jiem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kumitat dwar l-allokazzjoni finanzjarja permezz ta' tabella mqassma skont il-funzjonijiet. Id-dħul mill-allokazzjoni għas-sena Jan-Diċ 2015 ser tkun €91,564 u mhux €92,401 hekk kif kien stmat fl-estimi. Taħt il-vot ta' Ix-Xlendi *Maintenance* l-vot ta' €2,500 ser jitla' għal €4,500 peress li qed isir xogħol ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex, iżda l-Kumitat/Kunsill ser iħallas għal materjal. Għaldaqstant ġie rivedut ukoll il-vot ta' *social events* u *cultural events* u minn €4,450 tnaqqas għal €1,500. Ma' dawn irid jiżdied l-ammont ta' €3,000 li ser jingħata mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015.

**3.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

3.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet li hemm ippjanati għax-Xlendi fix-xhur tas-sajf.

Il-Kumitat irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015 – Memo 27/2014 fejn il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ġie infurmat li ser jingħata l-ammont ta' €3,000 għall-attivitajiet Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi.

Il-Kumitat għamel talba lit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex bħas-sena l-oħra jorganizza xi attivitajiet fix-Xlendi flimkien mal-Fjakkolata.
It-Taqsima tal-Kultura qed tipproponi dawn l-attivitajiet:
4 ta' Lulju 2015 – Cini Brothers Band
18 ta' Lulju 2015 – The Tramps
1 ta' Awwissu 2015 – Ceramics Festival u *show* minn Pusè
29 ta' Awwissu 2015 – Acoustic Rock Mini Festival
19 ta' Settembru 2015 – Novel Band

Bħas-sena l-oħra, il-Kumitat għamel talba sabiex il-Ministeru għal Għawdex jiffinanza l-Fjakkolata tax-Xlendi. Qed ikun ipproponut li l-Fjakkolata ssir kull nhar ta' Sibt għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2015. 'Il quddiem ser issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex dwar din il-materja.

Is-Sindku infurmat lill-Kumitat dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li qed isiru fix-Xlendi. Tmien ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex bdew xogħol ta' żebgħa, qtugħ ta' ħaxix u żbir ta' siġar flimkien ma' bdil ta' *fittings* taż-żewġ latrini. Saret ukoll l-islipway ta' quddiem l-istatwa ta' Sant'Indrija. Dan ix-xogħol għaddej b'ritmu mgħaġġel minħabba li jrid ikun lest qabel l-istaġun tas-sajf.

Peress li kienu saru t-8.30 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***